**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tnejn 11 ta' Diċembru 2017**

**App. Nru. 345/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Abel Joseph Aquilina**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Abel Joseph Aquilina, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 133688M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il- Gżejjer, nhar is-27 ta' April 2008, f'Bugibba, San Pawl il-Bahar bejn il-20:00hrs u l-23:00hrs ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip Chircop skond ma ccertifikah Dr. Rene Camilleri MD Reg. No. 3025 ta' Mater Dei Hospital Casuality Department (Ch 9 Section 216);

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju 2013 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Abel Joseph Aquilina ħati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-Artikoli 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sena u nofs sospiżi għal tliet (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9

tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tal-eta` tal-imputat, il-fedina penali tiegħu, u dak illi rriżulta dwaru mill-istess Social Inquiry Report; u wara li rat ukoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-istess Abel Joseph Aquilina b'garanzija tiegħu nnifsu ta' elfejn euro (€2,000) milli b'xi mod jivvessa jew idejjaq lil Philip Chircop, u dan għal żmien sena(1) mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Abel Joseph Aquilina ppreżentat fil-15 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti (a) tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni, htija u piena; (b) alternattivament u biss f'każ li din il-Qorti jidhrilha li għandha ssib reita` fl-appellant, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet ħtija, iżda tħassar dik il-parti li sabitu ħati mingħajr ma ġie applikat l-ebda skużanti, u minflok, issib ħtija limitatament fil-parametri tal-iskużanti elenkati fir-rikors ta' l-appell u billi tapplika l-istess skużanti; (c) kemm jekk tikkonferma s-sentenza appellata dwar is-sejbien ta' ħtija mingħajr ma tapplika l-ebda skużanti, u kemm jekk tirriforma s-sentenza appellata billi ssib reita` fl-appellant iżda bl-applikazzjoni tal-iskużanti mressqa fir-rikors tal-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta għal waħda aktar miti, ġusta u idoneja fid-dawl taċ-ċirkosatanzi u n-natura tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Abel Joseph Aquilina huma s-segwenti:

> "Illi dan hu appell fejn l-appellant jaqbel ma' parti sostanzjali tal-apprezzament tal-provi li waslet ghalih l-Ewwel Onorabbli Qorti, u mal-konkluzjonijiet ta' fatti li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti, gustament, emmnet lill-appellant fil-verzjoni li offra, u skartat il-verzjoni tad-diversi xiehda, intimament konnessi ma' Philip Chircop, fosthom huh stess, li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni. L-appell odjern hu ghalhekk imsejjes fuq l-aggravji li l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjonijiet legali li waslet ghaliha fl-isfond tal-apprezzament tal-provi u l-konkluzjoni tal-fatti li waslet ghaliha. Jigifieri interpretat u applikat il-ligi hazin ghall-fatti li kkonkludiet dwarhom. Subordinatament, hemm ukoll aggravju dwar il-piena, stante li din ma hijiex xierqa fil-kwadru tal-fatti tal-kaz.
>
> "Illi sabiex wiehed jidhol fl-aggravji, tajjeb li wiehed jevalwa l-konkluzjonijiet li jemergu mis-sentenza appellata.
>
> "a) L-Ewwel Qorti skreditat ripetutament lil tlett xiehda tal-Prosekuzzjoni, lil Philip Chircop, lil Luke Chircop, u lil Graziella Scerri, ghal darba, darbtejn, tlett darbiet, jekk mhux aktar. Facilment kien hemm lok li jigu ordnati proceduri ta' spergur fil-konfront taghhom. Il-Qorti kkonkludiet hekk 'Fl-ewwel lok jirrizulta li verament ix-xhud principali — il-ferut Philip Chircop, a tempo vergine mitkellem

mill-pulizija fuq il-post tal-incident, qatt ma identifika l-aggressur tieghu bhala l-imputat. Dan gara biss granet wara. Japplika dan ukoll ghall-maggoranza tax-xhieda li identifikaw lill-imputat bhala r-responsabbli ghall-griehi li sofra Chircop.' Jigifieri x-xiehda tal-Prosekuzzjoni *a tempo vergine* ma identifikawx lill-imputat bhala l-persuna li kien ta d-daqqa lil Philip Chircop, izda mbaghad, *ex post facto*, dawn it-tlett xhieda issinkronizzaw il-verzjoni taghhom u kull wiehed u wahda minnhom xehed li kien l-appellant li ta d-daqqa lil Philip Chircop.

"Interessanti dan fl-isfond ta' dak li xehdet dwaru l-Ispettur Therese Sciberras, li qalet li l-Pulizija kienet semghet lill-hbieb ta' Philip Chircop jitkellmu bejniethom u kienu qalu li jridu jpattuha lil Abel.

"b) Xhud iehor li assistiet ghall-incident kollu, Roxanne Scicluna, u li dak iz-zmien kienet qed tohrog ma' Philip Chircop, xehdet li ma ratx lill-appellant jaghti xi daqqa lil Philip Chircop, u sahansitra eskludiet li Philip Chircop u l-appellant kienu qabdu f'xulxin.

"c) Kienet ghalhekk ferm korretta l-Ewwel Qorti li m'emmnitx lil Philip Chircop, lil Luke Chircop, u lil Graziella Scerri li kien l-appellant li ta d-daqqa li feriet lil Philip Chircop.

"d) L-Ewwel Qorti ma waqfitx hawn u ghat-tieni darba regghet skreditat lit-tlett xhieda tal-Prosekuzzjoni gja msemmija. Il-Qorti kkonkludiet hekk:

"'Jirrizulta wkoll ghall-Qorti, ghalkemm Chircop u shabu kienu neganti ghal dan, illi xi tip ta' provokazzioni dan Abel sofra minn idejn Chircop, kieku Abel ma kellux ghalfejn imur jistaqsieh jekk kienx ghamillu xi haga.'

"Mela hawn l-Ewwel Qorti regghet skreditat lil dawn ix-xhieda f'episodju saljenti u importanti f'din il-kawza, u emmnet lill-akkuzat dwar kif kienu zvolgew l-affarijiet.

"e) Nigu issa ghat-tielet konkluzjoni importantissima li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti, konkluzjoni fejn ghal darb'ohra gie skreditat Philip Chircop u shabu. Il-Qorti kkonkludiet hekk:

"'Temmen il-Qorti li nqala' disgwid bejn it-tnejn u li gew involuti fil-glieda shabhom, u f'din it-taqtiegha tac-corma wegga' Chircop. Temmen ukoll illi fil-fatt din il-glieda giet provokata minn Chircop minhabba t-tfajla tieghu.'

"f) Ir-raba' konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti – u li hi l-pern ta' dan l-appell - kienet din:

"'Il-Qorti tista' biss mill-provi prodotti tqis lil Abel flimkien ma' ohrajn kien kompartecipi fi glieda li wasslet biex Chircop isofri l-griehi deskritti, kif fi kliem Roxanne Scicluna, dawn gew wicc imb'wicc. F'daqqa wahda nqalghet konfuzjoni, u meta nfirdu rat lil Philip mixhut mal-art bid-demm.'

"Illi ghaldaqstant il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti kienu illi:

“i) Il-Qorti ma kinitx sodisfatta li kien l-appellant li ta daqqa ta’ flixkun lil Philip Chircop;
“ii) Kien Philip Chircop li pprovoka l-incident kollu;
“iii) Li Philip Chircop wegga’ f’taqtiegha tac-corma, fejn ma kienx identifikat min tah id-daqqa.

“Illi hi ghaldaqstant l-umili fehma tal-appellant li fl-isfond tal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-istess Qorti, hi (l-Qorti) ma setghet qatt tasal ghal sejbien ta’ htija fil-konfront tal-appellant.

“Illi l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti setghu legalment iwasslu ghal zewg alternattivi – jew il-liberazzjoni tal-imputat; jew is-sejbien ta’ htija limitatament fit-termini tal-artikolu 237(c) tal-Kap 9, komunement maghrufa bhala offisa in rissa.

“Illi l-Ewwel Qorti accettat li dan kien kaz ta’ rissa, izda mbaghad qalet hekk:

“‘Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli Avukat Difensur accenna wkoll ghad-difiza tar-rissa. L-Artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jitkellem dwar zball jew b’accident; ghalkemm rissa nqalghet, zgur pero` xejn mill-provi ma kienu jindikaw li din kienet frott ta’ zball jew incident, anzi fil-fehma tal-Qorti glieda rizultanti minn element ta’ provokazzjoni u biex wiehed jiehu s-sodisfazzjon.’

“L-appellant b’konvinzjoni jemmen illi hi l-ewwel alternattiva li l-Ewwel Qorti kellha tasal ghaliha, fid-dawl tal-provi prodotti, u cioe` dik tal-liberazzjoni tal-akkuzat.

“Jekk wiehed jerga’ jdur hafif hafif l-iter ta’ kif zviluppa l-incident, wiehed jista’ jaqsmu f’zewg partijiet.

a) Fl-ewwel parti, dik li grat fejn l-istabbiliment Freeze, naraw illi l-imputat – li ma kienx jaf lil Philip Chircop (filwaqt li Philip Chircop kien jaf li l-imputat kien precedentement johrog mat-tfajla tieghu ta’ dak iz-zmien), kien bi kwietu u ghall-affari tieghu, minghajr ma kien qed jaghti fastidju lil hadd.

b) Illi b’mod prepotenti u kiesah, l-imsemmi Philip Chircop, li skont Roxanne Scicluna kien irrabjat ghax hi ma rieditx tbusu ghax rat fid-dintorni lill-ex-boyfriend taghha, u cioe` lill-appellant – mar minn wara l-appellant u xarrbu bil-birra. Agir kundannabbli, li bir-rispett juri l-livell tal-misthija li certu zghazagh jagixxu bih qisu ma kien xejn; li johorgu biex jaqilghu il-glied, u li l-pjacir taghhom jiehduh mill-inkwiet. Agir illi fl-ahhar mill-ahhar wassal ghall-holqien ta’ incident inutili fejn min kien ghal kwietu, fejn min qatt ma kellu l-icken incident f’hajtu, spicca biex gie kundannat minn Qorti.

c) Illi f’dan il-waqt Philip Chircop kompla jzid id-doza ta’ dak li kien ghamel. Indirizza lill-appellant bil-kliem ‘iva jiena kont, trid tghid xi haga?’ F’daqqa u l-hin, dan l-individwu ta daqqa ta’ ponn lill-appellant u laqtu fuq ix-xellug ta’ wiccu.

d) L-appellant ma rrejagixxiex, anke jekk bir-rispett wiehed ma kienx ilumu kieku rrejagixxa, anzi warrab. Imma din ir-reazzjoni, jew ahjar in-nuqqas ta’ reazzjoni, tindika hafna dwar il-karattru tal-appellant.

e) Shab Philip Chircop f'dan il-hin bdew jimbuttawh (lil Chircop) 'l-boghod mill-appellant, ghax Chircop kien irrabjat, tant illi anke pprova jerga' jmur bis-sahha fid-direzzjoni tal-appellant.

f) L-imputat, dejjem bla reazzjoni ghas-swat li kien issubixxa, telaq u mexa lejn il-pjazza, minghajr bl-ebda mod ma rritalja. Ghat-tieni darba Philip Chircop gera lejn l-appellant, qabez, u rega' tah daqqa ohra, din id-darba fil-gerzuma, u bil-ponn. L-appellant rega' ma rrejagixxix. Il-Qorti kkonkludiet hekk: 'Jirrizulta wkoll ben pruvat ghall-Qorti, illi Abel kien involut f'xi tip ta' litigju ma' Chircop, ghalkemm hu jrid illi jitwemmen li kien biss vittma!!' Illi din il-konkluzjoni, filwaqt li ghal-darb'ohra tiskredita lil Chircop billi hu dejjem xehed li qatt ma kien hemm xi litigju bejnu u l-appellant qabel qala' d-daqqa ta' flixkun, fil-fatt tikkonferma dak li xehed dwaru l-akkuzat, ghaliex hu dejjem qal li kien involut f'litigju ma' Chircop, kemm hdejn Freeze u kif ukoll fil-pjazza - jigifieri l-appellant qatt ma cahad li litigju kien hemm, izda dejjem xehed li hu kien il-vittma ta' dawn iz-zewg aggressjonijiet li graw hdejn Freeze u fil-pjazza. U din il-verzjoni ma hi mkien kontradetta – propju ghaliex Philip Chircop jghid li lanqas biss kien hemm litigju hdejn Freeze u fil-pjazza, ahseb u ara kemm seta' jghid li Abel ma kienx il-vittma. Jigifieri l-verzjoni ta' Abel li hu kien il-vittma f'dawn iz-zewg aggressjonijiet mhux biss ma hix kontradetta, anzi hi konfortata b'dak li xehed certu Keith Attard, prodott mid-difiza.

g) Illi aktar tard fl-istess jum, l-appellant mar sabiex jiekol f'stabbiliment takeaway li jismu Sofra Kebab House, vicin il-pjazza ta' Bugibba. Kif l-appellant kien diehel gewwa dan it-take-away, x'hin kien ser jaqbad l-ghatba, Philip Chircop inzerta li kien hiereg minn hemmhekk u gew wicc imb'wicc. L-appellant, rinfaccjat minn Chircop, staqsa lil Chircop ghala kien qieghed jaghmillu hekk, u dan wiegbu li kellu jersaq minn nofs inkella kien ser jaghtih xebgha ohra. Fil-fatt dan Chircop hawn rega' ta daqqa ta' ponn ohra lill-appellant, u laqtu issa fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. L-appellant rega' ma rrejagixxix, anzi mexa lura, qamet konfuzjoni shiha b' "corma" nies jiggieldu, u harab imbezza lejn il-pjazza ta' Bugibba, qabad taxi u mar lura d-dar.

"Ghaliex allura l-Ewwel Qorti kellha tasal ghall-liberazzjoni tal-appellant? Kellha tasal ghal din il-konkluzjoni, ghaliex hi stess ikkonkludiet, fis-sentenza appellata, li 'L-Qorti tista' biss mill-provi prodotti tqis lil Abel flimkien ma' ohrajn kien kompartecipi fi glieda li wasslet biex Chircop isofri l-griehi deskritti...'

"Issa biex il-Qorti setghet tasal ghal sejbien ta' htija, kellha bilfors issostni l-konkluzjoni taghha li l-appellant kien kompartecipi fil-glieda, u dan abbazi tal-provi prodotti.

"Il-provi izda juru l-invers, u cioe` li l-appellant ma kienx kompartecipi fil-glieda li fiha safa korrut Philip Chircop. Prezenti ghal parti mill-glieda iva, naturalment, izda mhux kompartecipi. Hemm il-verzjoni tal-appellant, li xehed (seduta tas-16 ta' Ottubru 2012) li meta gie msawwat minn Philip Chircop fit-tielet okkazzjoni (fejn Sofra Kebab), hekk kif Chircop hebb ghalih, hargu nies minn warajh, mill-gnub u bejniethom. Kompla hekk 'spiccajna gon-nofs u bdew jinghataw daqqiet ta' ponn, jiena ghattejt rasi u tbaxxejt. . .inzilt l-isfel biex ma jaghtinix bis-sahha. .. X'hin jiena tbaxxejt bdejt nimxi lura kemm jista' jkun biex nevita minn gon-nies u x'hin rajt hafna nies jiggieldu hrabt nigri lejn il-pjazza ergajt jiena.'

“Illi Philip Chircop, Luke Chircop u Graziella Scerri xehdu diversament, imma kif rajna, dawn huma tlett xhieda li l-Ewwel Qorti tathom certifikat ta’ xhieda inattendibbli, u li l-Qorti ftit tat piz lid-deposizzjoni taghhom, anzi m’emmnitx l-istess. Mela allura zgur li wiehed ma jistax jikkonkludi li l-appellant kien kompartecipi fi glieda abbazi ta’ xhieda skreditati ghal kollox. Anzi, dawn it-tlett xhieda ma jghidux li l-appellant kien kompartecipi izda li kien hu li ta d-daqqa ta’ flixkun – allegazzjoni li ma twemmnitx mill-Ewwel Qorti, u allura zgur li l-Qorti ma setghetx issejjes il-konkluzjoni taghha li l-appellant kien kompartecipi abbazi tax-xiehda ta’ dawn it-tlett persuni, li l-Qorti ddikjarat li mhux taccetta l-verzjoni ta’dak li huma xehdu li raw.

“Fl-umili fehma tal-appellant, biex din l-Onorabbli Qorti tara jekk l-appellant kienx kompartecipi fil-glieda, jew le, ghandha taghti piz qawwi lil dak li xehdet dwaru Roxanne Scicluna, citata in extenso mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex Philip Chircop, Luke Chircop u Graziella Scerri ilkoll m’humiex genwini u instemghu mill-Prosekuzzjoni jghidu li riedu jpattuha lil Abel (ara xhieda Spettur Therese Sciberras), u l-Qorti tista’ wkoll tikkonkludi li l-appellant kellu nteress jixhed kif xehed biex javalla lilu nnifsu (ghalkemm dan m’huwiex il-kaz). Imma zgur li Roxanne Scicluna, li qabel kienet tohrog mal-appellant, u li fid-data tal-incident kienet qed tohrog ma’ Philip Chircop, hi xhud li ma kellha l-ebda interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri.

“In kontro-ezami xehdet hekk :

Avukat: F’dan il-mument qed tghid li la wiehed u qas l-iehor ma ghamel moviment lejn xulxin pero` f’daqqa wahda inti tghidilna li rajt corma ta’ 8 min-nies gejjin. U x’gara imbghad f’dak il-mument?

Xhud: Kulhadd jaqbez fuq xulxin

Avukat: Pero` meta inti qed tghid kulhadd jaqbez fuq xulxin, pero` ara nghidx sew li Abel lil Philip, inti li kont qed tghidilna minn hawn u s-sinjura Magistrat boghod ma rajtux taghtih daqqiet.

Xhud: Le jiena ma rajtux ghax jiena qbizt ‘l barra ifhem

Avukat: Pero` lil Abel inti ma rajtux jaghtih daqqiet.

Xhud: Le

Avukat: Mela allura meta inti kont semmejt fix-xhieda tieghek li imbaghad qabdu f’xulxin, ma kontx ged tirreferi ghal Abel u Philip imma ghal din ic-corma fuq Philip hux hekk?

Xhud : Iva

“Dan il-bran jeskludi, fl-umili fehma tal-appellant, kull kompartecipita` tieghu fil-glieda li fiha korra Philip Chircop, u allura is-semplici presenza tal-appellant fil-lok tal-incident, sakemm harab waqt li l-glieda ghadha ghaddejja, zgur li ma setghet twassal qatt ghal sejbien ta’ htija fil-konfront tieghu!

“L-offisa in rissa

“Subordinatament ghal dak li nghad, jekk din l-Onorabbli Qorti izda thoss li l-appellant, minkejja li x-xiehda turi mod iehor, kien fil-fatt kompartecipi f’din il-glieda, allura kwazi kwazi lanqas hemm alternattiva hlief li l-Qorti ssib htija imma limitatament fil-parametri tal-artikolu 237 (c) tal-Kap 9.

“Dan ghaliex bhala fatt hu stabbilit, fis-sentenza appellata stess, li Philip Chircop korra f’rissa, u li min tah id-daqqa mhux identifikat. Jerga’ jigi riportat hawn il-bran konklussiv mis-sentenza appellata:

“‘Il-Qorti tista’ biss mill-provi prodotti tqis illi Abel flimkien ma’ ohrajn kien kompartecipi fi glieda li wasslet biex Chircop isofri l-griehi deskritti, kif fi kliem Roxanne Scicluna, dawn gew wicc imb’wicc. F’daqqa wahda nqalghet konfuzjoni, u meta nfirdu rat lil Philip mixhut mal-art bid-demm.’

“Illi din il-konkluzjoni – dejjem jekk din l-Onorabbli Qorti tichad l-aggravju li l-appellant ma kienx kompartecipi fil-glieda, twassal allura ghal textbook case fejn ghandu jigi applikat l-art. 237 (c) tal-Kap 9. L-Ewwel Qorti ma qablitx ghar-raguni li:

“‘L-Artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jitkellem dwar zball jew b’accident; ghalkemm rissa nqalghet, zgur pero` xejn mill-provi ma kienu jindikaw li din kienet frott ta’ zball jew incident, anzi fil-fehma tal-Qorti glieda rizultanti minn element ta’ ‘provokazzjoni u biex wiehed jiehu s-sodisfazzjon.’

“Issa l-ewwelnett, veru li din kienet glieda rizultanti minn element ta’ provokazzjoni, provokazzjoni izda li kif qalet l-Ewwel Qorti, kienet gejja minn naha ta’ Philip Chircop. Il-Qorti kkonkludiet hekk: ‘Temmen ukoll illi fil-fatt din il-glieda giet provokata minn Chircop minhabba t-tfajla tieghu.’

“Jigifieri jekk din il-glieda kienet provokata, mhux mill-akkuzat izda mill-‘vittma’, dan zgur ma jxejjen xejn mill-applikazzjoni tal-art. 237 (c) tal-Kap. 9.

“L-Ewwel Qorti ma kinitx cara meta kkonkludiet li l-glieda (dik fejn Sofra Kebab), b’zieda mal-provokazzjoni, inqalghet ‘biex wiehed jiehu sodisfazzjon’. Ma kinitx cara fis-sens li ma qalitx min ried is-sodisfazzjon. Jekk hux Philip Chircop jew l-appellant li riedu s-sodisfazzjon. Ma hux car jekk il-Qorti kinitx qed tirreferi ghal Chircop li skont hi kompla jrid is-sodisfazzjon mill-akkuzat fis-sens li ried jizvoga fih talli t-tfajla ta’ Chircop ma riditx tbusu (lil Chircop) minhabba li kien hemm l-akkuzat fid-dintorni; jew kinitx qed tirreferi ghall-akkuzat li ried is-sodisfazzjon talli kien gie msawwat minn Chircop. Dan mhux car u ghalhekk l-esponent jista’ biss jispekula ghal min il-Qorti kienet qed tirreferi, pero` li jista jghid fic-cert u fiz-zgur hu li fil-kaz tieghu, hu ma ried jiehu l-ebda sodisfazzjon, ghax rajna li hu qaghad lura milli jirrejagixxi meta gie msawwat f’zewg okkazjonijiet, u mkien ma jirrizulta li hu mar ifittex lil Chircop ghas-sodisfazzjon.

"Illi izjed minn hekk, jirrizulta inkontradett u car mill-provi li l-appellant qatt ma mar ifittex lil Chircop ghas-sodisfazzjon, u lejalment jinghad ukoll li lanqas jirrizulta li Chircop kien baqa' jfittex lil Aquilina wara l-ewwel zewg inkontri li kellhom. Anzi l-provi kollha juru – u dwar dan xehed kemm l-appellant kif ukoll Philip Chircop u shabu - li l-inkontru li sehh waqt li Chircop kien hiereg, u Aquilina diehel, f'Sofra Kebab, u li dan l-inkontru kien wiehed accidentali. U li dawn it-tnejn iltaqghu meta marru biex jieklu minn hemmhekk, verzjoni mill-aktar plawsibbli konsiderando li dan hu l-ewwel take-away li wiehed isib mal-pjazza. Jigifieri veru li precedentement kien hemm zewg litigji bejn Chircop u l-appellant, provokati kif qalet l-Ewwel Qorti minn Chircop – pero` t-tielet inkontru sehh purament b'mod accidentali – u jekk l-'avversarji' f'din il-kawza ma qablu fuq xejn, fuq dan il-punt u cioe` li f'dak il-puncto temporis hadd ma kien qed ifittex lil hadd, hemm konkordanza.

"Illi minn aspett legali, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li gjaladarba l-glieda ma nqalghetx bi zball jew b'accident, kif skont li jrid l-art. 237 (c) tal-Kap 9, allura l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hi eskluza. Bir-rispett, l-art. 237 (c) tal-Kap 9 imkien ma jitkellem dwar zball, izda dwar 'glieda accidentali'.

"Fis-sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Frar, 2006, Appell Kriminali Numru. 301/2005 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. R. D'Anastasi) vs Joseph Grech, inghad hekk:

"'il-koncett kollu tal-"offesa in rissa" inkorporat fl-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali jiccentra fuq il-fatt li fil-glieda accidentali, jkunu hadu parti fiha kontra l-offiz aktar minn zewg persuni w, fl-assenza ta' aggressjoni pjanata jew premeditata mid-diversi persuni li jkunu hadu parti fiha w/jew fl-assenza ta' l-prekoncert bejniethom biex isir l-omicidju jew l-offiza (ghalhekk l-emfasi hija fuq glieda accidentali), meta ma jkunx maghruf min, minn dawk li jkunu hadu parti attiva fil-glieda KONTRA L-MAQTUL JEW L-OFFIZ, attwalment ikun ikkaguna l-offiza jew l-omicidju, allura kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz jew il-maqtul, ikun responsabbli kriminalment, pero` s'intendi ta' reat li jgib piena inqas gravi minn dik tal-omicidju jew tal-offiza skond il-kaz. Hu ovvju li mill-inqas iridu jkunu hadu parti attiva kontra l-offiz (f'dan il-kaz) mill-inqas zewg persuni li b'mod li ma jkunx jista' jinsab min minnhom kien l-awtur tal-offiza. Fi glieda biss bejn zewg persuni w cioe` l-offiz u persuna ohra, qatt ma jista' jikkonfigura ruhu dan ir-reat partikolari, li kif jghid il-CARRARA ("Programma del Corso Di Diritto Penale" Parte Speciale, Vol. l S 131 1 p.496), hu bbazat fuq l-"incertezza dell'autore".

"Illi ghalhekk biex l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm l-applikabilita` jew le ta' din id-difiza fil-kaz odjern, kellha tara jekk, mill-provi prodotti quddiemha, kienx hemm aggressjoni pjanata jew premeditata mid-diversi persuni li hadu parti fiha w/jew prekoncert bejniethom li wassal ghall-griehi sofferti minn Chircop. Dan 1-ezami ma sarx mill-Ewwel Qorti, li anzi strahet fuq konkluzjoni mhux sorretta mill-provi.

"Illi l-provi kollha li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti jindikaw b'mod univoku li l-glieda li fiha safa korrut Chircop la kienet pjanata, u lanqas premeditata minn min ha sehem fiha. Anzi l-provi kollha jippuntaw bla esitazzjoni f'direzzjoni

wahda – li din kienet glieda li nqalghet on the spur of the moment. Il-provi juru li originarjament kien hemm aggressjoni minn Chircop fuq l-appellant; li ftit wara kien hemm it-tieni aggressjoni fuq l-appellant mill-istess Chircop, u li mbaghad waqaf kollox. Imkien ma jemergi li l-appellant ftiehem ma' xi hadd biex imorru jpattuha lil Chircop, u dan hu eskluz mill-provi prodotti. Aktar tard izda fl-istess jum, Chircop u l-appellant b'kumbinazzjoni jigu wicc imb'wicc hekk kif Chircop kien hiereg minn stabbiliment tal-ikel u l-appellant kien diehel sabiex jiekol, Chircop rega' qala' l-inkwiet, u hemmhekk habta u sabta faqqghet glieda.

"Xi provi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti li l-appellant kien, flimkien ma' persuni ohra, ippjana din il-glieda? Xejn. Xi provi kien hemm li l-appellant flimkien ma' dawn il-persuni kienu ftiehmu u ppremeditaw l-aggressjoni fuq Chircop? Xejn. Mhux talli hemm karenza assoluta ta' tali prova, talli anzi l-provi kollha jindikaw fid-direzzjoni opposta, u cioe` li l-inkontru bejn Aquilina u Chircop u l-glieda li segwiet sehh b'mod esklussivament accidentali.

"Ghaliex jinghad li dan it-tielet inkontru kien wiehed accidentali? Ghaliex fl-ewwel lok, naraw li bejn l-ewwel zewg inkontri bejn Aquilina u Chircop u t-tielet inkontru ghaddiet madwar siegha u nofs. Jigifieri jekk l-appellant ried jiehu s-sodisfazzjon, hu kien ser idum jippjana ma' persuni ohra glieda ghal siegha u nofs shiha, jew kien ser imur ghas-sodisfazzjon dak il-hin jew ftit hin wara li hu gie msawwat, bil-possibilita` li bit-trapass ta' tant hin, Chircop jitlaq minn fuq il-post?

"L-appellant xehed hekk:

"'Imbaghad ergajna wara ftit hin ergajna morna lejn il-pjazza u qaluli biex noqghod maghhom. Offrewli xi drinks imma ma hassejtnix komdu nixrob ghax kont ghadni mbezza u ma kontx komdu f'dak il-post. Ghaddew tliet kwarti, siegha, siegha u nofs l-izjed ircevejt messagg minghand hbieb tieghi ohrajn qaluli li sejrin jieklu u ghidt liz-zewgt ihbieb l-ohra tieghi jekk iridux jigu mieghi halli mmorru nieklu.'

"Mistoqsi fejn kellhom imorru jieklu, l-appellant wiegeb hekk:

"'Is-Sofra fejn marru ghax gie li morna qabel.'

"L-appellant kompla hekk :

"'Issa jiena rrispondejt lil shabi li sejjer lura il-Kebabs u x'hin wasalt fuq barra ma nara lil hadd hemm hekk u...

"'Difiza : Ma rajt lil hadd lil min, lil shabek?

"'Xhud : Lil hbieb tieghi.

"'Difiza : Sewwa, kif tidhol ghalih dan ir-restaurant?

"'Xhud : Illum il-gurnata huwa differenti, qabel kien just bankina, hemm ghatba u tidhol gol-hanut. X'hin ma rajt lil hadd il-barra ddecidejt li nidhol gewwa

x'aktarx kienu qed jordnaw u ezatti x'hin jiena ha naqbad l-ghatba biex nidhol l-istess persuna li kienet ghadha kif tatni zewg daqqiet naraha hierga. Dak il-hin jiena ffrizajt ma kontx naf x'ha naghmel...

"'Difiza : Ippermettili, semmejt li kienet ghadha kif tatek, kemm kien ghadda hin imma bejn l-ewwel argument ghal dak il-...

"'Xhud : Siegha, siegha u nofs. Jien waqaft hemmhekk, ma stajtx nghaddi minn x'imkien iehor u saqsejtu dan il-kliem, "ghalxiex qed taghmilli hekk?" Huwa fetah idejh u beda jghajjat qalli "ghalxiex qed naghmillek hekk, ersaq minn quddiemi ghax naghtik xebgha ohra". F'dak il-hin ghamel pass lura rega' hareg il-ponn u rega' taghni daqqa u laqatni fuq in-nahha tal-lemin ta' wicci. F'dak il-hin nies minn warajja u minn quddiemi. ...

"L-appellant izid : 'spiccajna gon-nofs u bdew jinghataw daqqiet ta' ponn, jiena ghattejt rasi u tbaxxejt... Inzilt l-isfel biex ma jaghtinix bis-sahha. . .X'hin jiena tbaxxejt bdejt nimxi lura kemm jista' jkun biex nevita minn gon-nies u x'hin rajt hafna nies jiggieldu hrabt nigri lejn il-pjazza ergajt jiena.'

"Tajjeb illi wiehed ihares lejn dak li xehed Keith Attard, prodott mid-difiza, u kif ukoll lejn il-kontro-ezami tal-appellant. Minn assolutament imkien ma jemergi li qatt kien hemm xi premeditazzjoni jew xi ftehim bejn l-appellant u ohrajn biex huma jhebbu ghal Chircop. Anke fl-istqarrija tal-akkuzat ma hemm xejn li jaghti xi hjiel f'dan is-sens.

"Kollox juri ghalhekk li t-tielet inkontru bejn Chircop u Aquilina sehh accidentalment u li hadd ma kien qieghed ifittex lil hadd meta sehhet il-glieda fejn Sofra Restaurant. Wiehed jista' presumibbilment, ghaliex ma hemm l-ebda provi, jiddeduci li fil-glieda li nqalghet ippartecipaw shab Chircop u shab Aquilina. Imma li tali glieda kienet premeditata u miftehma, jew imfittxija, hu ghal kollox eskluz. Dan kollu qed jinghad fil-kuntest, kif inghad aktar qabel, li fil-kaz odjern l-appellant ma ppartecipax fir-rissa, u bir-rispett ghalhekk lanqas ghandu jkun hemm sejbien ta' xi htija fil-konfront tieghu skont l-artikolu tal-ligi hawn citat; dana billi l-presenza waqt glieda minghajr il-partecipazzjoni attiva fil-glieda ma twassal ghal ebda nuqqas li jikkozza mal-ligi penali.

"Il-Provokazzjoni

"Illi quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien ippropona wkoll id-difiza ossia l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Naturalment, tali difiza kienet giet proposta fil-kuntest/ipotezi li l-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li kien l-appellant li ta daqqa ta' flixkun lil Chircop.

"Billi issa rajna li l-Ewwel Qorti gustament waslet ghall-konkluzjoni li ma hijiex sodisfatta li kien l-appellant li ta d-daqqa lil Chircop, allura tali skuzanti tibdel id-dimensjoni taghha, u tassumi importanza anqas. Izda bir-rispett u f'kull kaz, l-Ewwel Qorti kkonkludiet hazin dwar din id-difiza, meta qalet hekk:

"'Lanqas pero` ma hi lesta l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' provokazzjoni taht l-Artikolu 237(c), dik tal-passjoni instantanja, jew agitazzjoni tal-mohh, ghaliex

diversi xhieda raw lil Chircop u Abel jinfaccaw lil xulxin, hin wara li dan xarrbu bil-birra. Seta' Abel verament harab il-provokazzjoni diretta lejh kieku verament ried.'

"Il-Qorti qalet li din id-difiza ma tapplikax ghax l-appellant seta' verament harab il-provokazzjoni diretta lejh kieku verament ried. Kif rajna u mill-provi prodotti, dan mhux il-kaz. L-appellant, korroborat minn Roxanne Scicluna, jghid illi: 'spiccajna gon-nofs u bdew jinghataw daqqiet ta' ponn, jiena ghattejt rasi u tbaxxejt. Inzilt l-isfel biex ma jaghtinix bis-sahha. X'hin jiena tbaxxejt bdejt nimxi lura kemm jista' jkun biex nevita minn gon-nies u x'hin rajt hafna nies jiggieldu hrabt nigri lejn il-pjazza ergajt jiena.'

"Hemm xi hadd li hu kredibbli u li kkontradica lill-appellant f'dak li qal? Le. Kif rajna, Philip Chircop, Luke Chircop u Graziella Scerri gew skreditati mill-Qorti f'dak li xehdu dwaru.

"Illi wkoll, fil-kaz tad-difiza tal-provokazzjoni, forsi kemmxejn differenti mil-legittima difesa, wiehed ma jridx ihares lejn jekk wiehed setax jahrab il-provokazzjoni jew le, imma jekk tali provokazzjoni kienitx tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci jqisu il-konsegwenzi tad-delitt, u jekk ir-reazzjoni tkunx immedjata fis-sens li b'konsegwenza ta' dik il-provokazzjoni.

"Il-legittima difesa

"Illi quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien ukoll ippropona t-tezi tal-legittima difesa. Tali difiza kienet giet proposta fil-kuntest/ipotezi li l-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li kien l-appellant li ta daqqa ta' flixkun lil Chircop.

"Billi bhal fil-kaz tad-difiza tal-provokazzjoni, issa rajna li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma hijiex sodisfatta li kien l-appellant li ta d-daqqa lil Chircop, allura tali difiza tibdel ukoll id-dimensjoni taghha. Izda bir-rispett l-Ewwel Qorti kkonkludiet hazin ukoll dwar din id-difiza, meta qalet hekk:

"'Temmen il-Qorti li nqala' disgwid bejn it-tnejn u li gew involuti fil-glieda shabhom, u f'din it-taqtiegha tac-corma wegga' Chircop. Temmen ukoll illi fil-fatt din il-glieda giet provokata minn Chircop minhabba t-tfajla tieghu.

"Teskludi pero` li din da parti tal-imputat kienet xi legittima difesa, ghax caso mai anke jekk gie pprovokat minn Chircop, mar hu jistaqsieh jekk fil-fatt kinx ghamillu xi haga!!'

"Illi din id-difiza ma setghet qatt tigi eskluza ghax l-appellant mar isaqsi lill-aggressur tieghu ghala kien sawwtu precedentement! Jigifieri skont l-Ewwel Qorti, li tigi msawwat ghal darbtejn u tmur issaqsi, bla arroganza, ghala gejt imsawwat, u terga' tigi msawwat, jipprekludik milli tirrejagixxi ghat-tielet aggressjoni biex tiddefendi lilek innifsek! Bir-rispett, din il-konkluzjoni kienet non sequitur.

"Dwar il-piena

"Illi subordinatament ghal dak aktar qabel premess, u bla pregudizzju ghall-istess, hemm l-aggravju dwar il-piena, piena li effettivament kienet wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u li m'ghamlitx gustizzja mal-appellant.

"Dan kollu qed jinghad fl-isfond li hawn il-Qorti ghandha quddiemha persuna zaghzugha, li kienet ghall-affari taghha, li giet imsawwta ghal darba darbtejn tlett darbiet ghalxejn, umiljata quddiem hafna nies, u li ddahhlet f'dan l-inkwiet kollu minn min ried johloq l-inkwiet bla raguni, u li llum flimkien ma' shabu ghandhom il-hsieb li jpattuha lill-imputat billi xehdu l-falz fil-konfront tieghu.

"Vera li wiehed jista' jargumenta li b'konsegwenza ta' dan l-incident, kien hemm persuna li sofriet griehi ta' natura gravi, u l-piena normalment erogata f'dawn il-kazijiet hi wahda karcerarja, effettiva jew sospiza. Pero` hemm pluralita` ta' cirkostanzi fil-kaz odjern li jimmilitaw favur li, jekk din l-Onorabbli Qorti xorta ssib htija, tmur ghal piena differenti minn dik erogata mill-Ewwel Qorti, partikolarment jekk jigi applikat l-artikolu 237 tal-Kap 9.

"Illi s-sentenza ta' prigunerija, ghalkemm sospiza, litteralment ser teqred hajjet l-appellant. Il-Qorti ghandha quddiemha a first time offender, u indubbjament a last time offender. Il-konsegwenzi tal-piena karcerarja li giet inflitta huma gravi. Vera li din il-Qorti tista' targumenta li ghall-izball, wiehed irid ihallas. Izda l-hlas irid ikun proporzjonat ghall-ghemil kommess u ghac-cirkostanzi li fihom tali ghemil ikun gie kommess.

"Veru li wiehed jista' jirribatti dawn l-argumenti kollha u jghid li l-appellant ma haqqux li bhall-'vittma' jigi mgieghel isofri l-konsegwenzi ta' ghemilu ghal ghomru kollu? Jekk din il-Qorti se timxi b'dan ir-ragunament, kif tista' taghzel li taghmel, allura l-appellant ibaxxi rasu ghal dan ir-ragunament, li pero` ser ikun ifisser li l-iskop tal-piena ser ikun gie ridott ghal wiehed purament retributtiv.

"Mhux hekk biss izda l-Qorti trid tqis ukoll x'wassal ghall-incident de quo. Trid tqis li dan mhux kaz fejn l-appellant hu xi bniedem refrattarju, li hareg u stieden il-glied, izda bniedem kwiet li hareg ghall-affari tieghu u filwaqt li kien qed jiddeverti ruhu b'mod onest minghajr ma jdejjaq lil hadd, habat ma' persuna, li sfortunatament bhal hafna zghazagh tal-lum, johorgu mhux biex jiddevertu imma biex jaraw kif jitkesshu biex ma jinghadx jitqazzu, u jdejjqu l-haddiehor – fi ftit kliem, li l-pjacir taghhom johduh billi jaqilghu il-glied u l-inkwiet.

"Rinfaccjat minn din il-persuna, l-appellant gie mahsul bil-birra minnu quddiem diversi nies. Gie umiljat u msawwat ghal xejn b'xejn, u flok irrejagixxa, reazzjoni li zgur wiehed ma kienx jiccensuraha, warrab. Ftit wara, rega' gara l-istess, fejn l-appellant jerga' jigi msawwat ghal xejn b'xejn minn Philip Chircop, fejn ghal darb'ohra, l-appellant jerga' jwarrab. Jerga' jigri l-istess fit-tielet okkazzjoni, fejn imbaghad inqalghet il-glieda li wasslet ghal din il-kawza.

"Illi tenut kont tal-fatturi fuq spjegati, l-Ewwel Qorti kellha taghti aktar piz lil dak li rrizulta dwar l-appellant mis-Social Inquiry Report, u ghalhekk kellha tittempera l-piena fid-dawl ta' dan kollu. Fost ohrajn:

"a) li l-appellant hu bniedem biezel li ghandu kemm impieg full-time ma' bank lokali u wkoll impieg part-time, li hu biezel ghax-xoghol u ghandu attendenza ta' 100% fuq il post tax-xoghol, u jippercepixxi salarju tajjeb;

"b) l-eta` meta sehh l-incident – kellu biss 20 sena meta gara l-incident.

"c) fedina penali – netta hlief ghal kontravvenzjoni minuri

"d) gej minn familja maghquda li ghadu jghix maghha, fejn missieru hu self-employed, ommu mara tad-dar, ohtu Psikjatra u ohtu l-ohra Manager. Kellu trobbija tajba u ghandu relazzjoni stabbli mat-tfajia tieghu

"e) li dam jattendi l-Muzew sakemm kellu 15 il-sena u kien ukoll abbati, jitghallem il-vjolin u jaf ipingi wkoll; ghandu livell ta' edukazzjoni post-sekondarju

"f) li l-appellant ghandu kundizzjoni medika (ulcerative colitis), jiehu kwantita` ta' pilloli kuljum u kull xahrejn imur l-lsptar biex jinghata l-medicina bid-drip.

"g) li dejjem wera ko-operazzjoni mal-awtoritajiet li nvestigaw dan il-kaz, kemm mal-Pulizija, kemm mal-Ufficcjal tal-Probation li rredigiet ir-rapport, u anke quddiem l-Ewwel Qorti, fejn xehed u wiegeb bla tlaqliq ghal kull domanda li saritlu, u fejn l-Ewwel Qorti setghet tapprezza l-mod edukat li jagixxi bih l-appellant, li dejjem ukoll wera rispett lejn il-process gudizzjarju, anke fil-lejalta` li wera fil-kontestazzjoni tal-kawza.

"Illi l-piena erogata ser twassal indubbjament ghat-tkeccija tal-appellant minn fuq il post tax-xoghol tieghu. L-ebda bank kummercjali ma ser ihaddem persuna li tinghata piena karcerarja. Ser jigi maghluq, darba ghal dejjem, il-bieb ghall-appellant ghal kull opportunita` ta' avvanz fil-karriera lavorattiva tieghu. Bit-tmiem tal-karriera bankarja tieghu, l-appellant ser ikollu ifittex impieg alternattiv inferjuri ghal dak li ghandu llum.

"Illi ghalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti xorta ssib htija, dejjem tista' ssib bilanc aktar felici minn dak li sabet l-Ewwel Qorti bejn is-sanzjoni, id-deterrent, u l-iskop riformattiv tal-piena. Dan fl-umili fehma tal-appellant, bl-applikazzjoni ta' mizura skont il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi anke' a rigward l-imposizzjoni tal-garanzija, din ma kienitx mehtiega billi l-appellant u Philip Chircop ilhom ma jiltaqghu minn dakinhar tal-incident, hlief fil-Qorti."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx

raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti. Issa, l-appellant ġie akkużat – u hekk instab ħati – li kkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip Chircop. Dawn l-offiżi Chircop ġarrabhom waqt ġlieda ħdejn is-Sofra Restaurant f'Pioneer Road, Qawra fis-27 ta' April 2008. Philip Chircop xehed li dakinhar kien ma' ħbieb tiegħu ħdejn il-Freeze Club, Buġibba, meta għadda l-appellant u għaddielu kumment iżda ma tax każ. Minn hemm marru biex jieklu burger is-Sofra fejn ġie l-appellant ikellmu, irrabjat, u tah daqqa ta' flixkun tal-Budweiser. Intefa ma' l-art u qala' daqqa oħra wara kif ukoll xi daqqiet oħra.

**8.** Skond l-Ispettur Luke Bonello (dak iż-żmien P.S. 214), pero`, li kellem lill-imsemmi Philip Chircop fuq il-post fejn seħħ l-inċident, Philip Chircop qallu li kien qala' diversi daqqiet minn wara bi flixkun u li ma kienx jaf min tah bil-flixkun. Fl-1 ta' Mejju 2008, jiġifieri erbat ijiem wara l-inċident, kellmu l-għassa tal-pulizija tal-Qawra u din id-darba qallu li kien l-appellant li avviċinah u tah daqqa fuq moħħu bi flixkun. Jiġifieri Philip Chircop ma kienx konsistenti f'dak li qal lill-Pulizija. U anke meta xehed in kontro-eżami deher titubanti dwar dak li qal jew ma qalx lill-Pulizija.

**9.** Luke Attard, dwar l-inċident tas-Sofra, xehed li kien bilqiegħda barra ma' Roxanne Scicluna filwaqt li Clayton Chircop, Philip Chircop u Graziella Scerri daħlu ġewwa biex jixtru. Jgħid li Philip Chircop ħareġ biex jara x'ser jieħu u ġie l-appellant li ġie wiċċ imb'wiċċ ma' Philip Chircop u f'daqqa waħda konfużjoni u ra lill-appellant jaqbad flixkun tal-Budweiser u jfajjarhielu ġo wiċċu lil Philip. Imbagħad qabżu fuqu wkoll sħab l-appellant. In kontro-eżami, pero`, il-verżjoni tinbidel u jgħid li l-ewwel daru lix-xhud xi tmienja min-nies u bdew isawwtuh u tefgħuh ma' l-art, imbagħad ġiet Graziella tgħidilhom iħalluh, imbagħad li qisu kien hemm gap u nzerta ra lil Philip jaqla'.

**10.** Graziella Scerri tgħid li meta marru jixtru, hi marret mal-bieb ta' fejn kienu u Philip Chircop kien dahru lejha meta rat lill-appellant faċċata ta' Philip. Dak il-ħin kienu ġejjin "balla ġuvintur" li ċċirkondaw lit-tnejn "u f'dik l-istanti tah daqqa ta' flixkun" (l-appellant lil Philip). Daħlet tgħajjat lil Clayton u marret tiġri fuq Luke, li kien qiegħed jissawwat, biex issaqsieh fejn kien Philip.

**11.** Indubitament meta wieħed jeżamina x-xiehda ta' Luke Attard u ta' Graziella Scerri wieħed isib diskrepanzi u inkonsistenzi. Luke Attard ibiddel il-verżjoni. U jekk kien ma' l-art b'salt ġuvintur fuqu kif seta' jara x'kien qiegħed jagħmel l-appellant? Jekk "balla ġuvintur" ċċirkondaw lill-appellant u lil Chircop kif

setgħet Graziella Scerri tara lill-appellant jagħti daqqa ta' flixkun? Dawn il-ġuvintur dawru lill-appellant u lil Chircop l-ewwel jew lil Luke Attard?

**12.** Xehdet ukoll Roxanne Scicluna li qalet li hi u Luke Attard baqgħu barra s-Sofra u ħareġ Philip jistaqsihom x'kienu ser jieklu. Tgħid illi hawn rat lill-appellant jaqsam biex ikellem lil Philip. Hawn daru ċorma nies ma' Philip u l-appellant u ma baqgħetx tara lil Luke. Meta nfirdet il-folla, rat lil Philip mixħut mal-art bid-demm ħiereġ minn ġo rasu. In kontro-eżami kkonfermat li meta l-appellant avviċina lil Philip Chircop ma marx biex jikkonfrontah u kien qiegħed jistaqsi lil Philip għaliex kien għamillu hekk (referenza għal xi inċidenti li kienu ġraw aktar qabel fl-istess serata u li se ssir referenza għalihom *infra*). Meta tfaċċaw il-ġuvintur l-oħra, hi ma ratx lill-appellant jagħti xi daqqa lil Philip Chircop u dak il-ħin dawn il-ġuvintur kulħadd jaqbeż fuq xulxin.

**13.** In kontroeżami Roxanne Scicluna, li qabel kienet toħroġ ma' l-appellant u meta ġara l-inċident kienet toħroġ ma' Philip Chircop, xehdet ukoll li dakinhar kien inqala' argument bejnha u bejn Philip għax hi ma riditx tbusu. Iddeskriviet illi Philip kien irrabjat. Qalet illi hi ma riditx tbusu ghax bdiet tisthi. Qalet illi f'xi ħin rat lill-appellant għaddej mill-pjazza ta' Buġibba. Innegat li rat xi argument fil-pjazza.

**14.** Fil-fatt meta Philip Chircop kien qiegħed jixhed in kontro-eżami, ammetta li kellu argument verbali ma' Roxanne Scicluna minħabba l-appellant li kien qiegħed "iħakkek magħhom", skond Chircop, "biex jaqla' l-inkwiet". Skond Chircop l-appellant anke tah daqqa bi spalltu.

**15.** Xehed ukoll l-imputat minn jeddu. Qal illi fil-ġurnata tal-inċident kien mar Buġibba jiltaqa' ma' shabu. Qal li ltaqa' ma' ħabib tiegħu, u huma u deħlin Freeze ħass xi ħaġa xxarrbu ġo dahru kollu. Dar u ra ċorma rġiel, u wieħed minnhom indikalu min kien xarrbu. Dan qal lill-appellant "Iva jiena kont, trid tgħid xi ħaġa?". Fid-daqqa u l-ħin tah daqqa ta' ponn u laqtu fuq ix-xellug ta' wiċċu. Qal illi hu dan il-ġuvni ma kienx jaf min hu. Sar jafu ġewwa l-Qorti. Qal illi dak il-ħin hu baqa' fejn kien għax ma kienx jaf x'kien qiegħed jiġri. Żied illi sħab dan il-ġuvni daru miegħu, u bdew jimbuttawh 'il bogħod mill-appellant għax dak il-ġuvni (li rriżulta li kien Philip Chircop) kien irrabjat u pprova jerġa' jmur lejn id-direzzjoni ta' l-appellant bis-saħħa, pero` bdew iżommuh sħabu. Qal illi anke ħareġ security mill-istabbiliment u qallhom biex ma joqogħdux quddiem l-istess stabbiliment. L-appellant qal illi mexa lejn il-Freeze. Qal ukoll illi waqt li kien miexi lejn il-pjazza, issa waħdu, biex jerġa' jiltaqa' ma' sħabu, reġa' ra lil Chircop iħares lejh u x'ħin rah joqrob lejh, l-appellant staqsieh x'gara. Dan Chircop skondtu ġera l-aħħar biċċa, qabeż, u tah daqqa oħra,u laqtu f'gerżumtu. Id-daqqa tahielu bil-ponn. Qal illi wieħed minn sħab Chircop mar iżommu u sadattant tfaċċaw iż-żewġt iħbieb ta' l-appellant. L-appellant qal li

dak il-ħin ma kienx jaf x'inhu jiġri, kien qiegħed jibża', u qatt ma kellu x'jaqsam ma' ħadd. Sħabu qalulu biex imur magħhom u jitbiegħed mill-pjazza. Qalilhom illi hu dan ma kienx jaf min hu u għalfejn kien qiegħed jagħmillu hekk. Xehed ukoll illi aktar tard mar biex jiltaqa' ma' xi ħbieb oħra biex jieklu s-Sofra Kebab House. Hawn, x'ħin kien ser jaqbad l-għatba, ra lill-istess persuna (jiġifieri Chircop), ħiereġ. Hawn staqsa lil Chircop għax kien qiegħed jagħmillu hekk, u dan wieġbu li kellu jersaq minn nofs inkella kien ser jagħtieh xebgħa oħra. Hawn rega' tah daqqa ta' ponn oħra, u laqtu issa fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu. Dak il-ħin, nies minn warajh u mill-ġnub marru bejniethom, huma spiċċaw ġon-nofs u bdew jingħataw daqqiet ta' ponn, għatta rasu u tbaxxa. Beda miexi lura u x'ħin ra ħafna nies jiġġieldu, ħarab lejn il-pjazza. L-appellant innega li hu qatt ta daqqa ta' flixkun fuq ras dan l-individwu. Fil-fatt qal li qatt ma seta' jagħti daqqa ta' flixkun għax qatt ma kellu flixkun f'idu. Xehed illi qatt ma mess lil ħadd minnhom. Qal illi ddeċieda li jaqbad taxi u mar lejn id-dar.

**16.** In kontro-eżami xehed illi dakinhar ta' l-inċident ma kienx jaf li Chircop kien qiegħed joħroġ ma' Roxanne, u li din ma rahiex waqt l-inċident. Ikkonferma li hu qatt ma kien iġġieled qabel, u li kien dieħel ġol-ħanut Sofra biex jara hemmx il-ħbieb tiegħu. X'ħin kien dieħel ra lil Chircop ħiereġ. Mistoqsi kellux xi ħaġa f'idejh dan il-ħin kollu, qal li xejn, il-mobile. Mistoqsi jekk kienx qiegħed iżomm xi ħaġa f'idejh apparti l-mobile waqt li kien dieħel is-Sofra l-appellant qal li l-mobile mat-triq forsi u xejn ma kellu f'idejh. Insista li kien imbeżża' minn Chircop għax ma kienx jaf għalxiex kien qiegħed jagħmillu hekk. Qal illi nonostante n-numru ta' daqqiet li qala', dawn tagħhom m'għamilx ċertifikat għax ma kellux tbenġil jew dmija.

**17.** Dwar l-ewwel inċident imsemmi mill-appellant hemm konferma minn Keith Attard. Huwa spjega li meta kien dieħel Freeze, bl-appellant ftit aktar quddiemu, ra raġel iqum minn ma' mejda fejn kien ma' xi rġiel oħra, għolla flixkun tal-birra ġo ħalqu u beżqu fuq dahar l-appellant. L-appellant dar u deher maħsud, u dak l-istess raġel – li wara rriżulta li kien Chircop – mar għall-appellant b'rabja, beda jgħajjat u ta daqqa ta' ponn lill-appellant li deher aktar imbeżża'. Ix-xhud qal li anke hu beda jibża'. Qal li l-appellant saqsa lil Chircop: "X'għamiltlek?" u Chircop beda jgħid: "Jien kont. Jien kont." Sħab Chircop bdew iżommuh għax baqa' jrid imur għall-appellant li telaq minn fuq il-post. Ix-xhud resaq lura malli ra l-ġlieda u mar fuq naħa oħra tal-club. Lill-appellant ma reġax rah dakinhar.

**18.** Meta jitqiesu d-diskrepanzi u inkonsistenzi bejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, meta jitqies illi s-sitwazzjoni vera kienet waħda ta' konfużjoni – kif anke jiddeskrivu xi xhieda tal-prosekuzzjoni – meta jitqies illi l-appellant hu anke kkorroborat f'dak li jirrigwarda l-ewwel inċident, meta jitqies dak li xehdet

b'mod skjett Roxanne Scicluna u in partikolari li ma ratx lill-appellant jagħti daqqa lil Chircop, din il-Qorti ma tqisx illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova mingħajr dubju raġjonevoli li kien proprju l-appellant li xejjer bi flixkun lil Philip Chircop. Mill-banda l-oħra ma tħossx li tista' teskludi għal kollox in-nuqqas ta' komparteċipazzjoni assoluta ta' l-appellant f'dan l-aħħar inċident li żviluppa f'rissa u għalhekk, minn kif żvolġew l-affarijiet, temmen li għandu japplika l-artikolu 237(c) tal-Kodiċi Kriminali.

**19.** Kwantu għall-piena, naturalment se jkun hemm temperament fil-piena filwaqt illi tqis dak li ntqal fis-*social inquiry report* imhejji għall-ewwel Qorti mill-uffiċjal tal-*probation* Deborah Farrugia.

**20.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmi Abel Joseph Aquilina ħati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-Artikoli 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sena u nofs sospiżi għal tliet (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tal-eta` tal-imputat, il-fedina penali tiegħu, u dak illi rriżulta dwaru mill-istess Social Inquiry Report; u wara li rat ukoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-istess Abel Joseph Aquilina b'garanzija tiegħu nnifsu ta' elfejn euro (€2,000) milli b'xi mod jivvessa jew idejjaq lil Philip Chircop, u dan għal żmien sena(1) mid-data tas-sentenza appellata; u minflok issib lill-istess Abel Joseph Aquilina ħati talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-27 ta' April 2008, f'Bugibba, San Pawl il-Bahar bejn il-20:00hrs u l-23:00hrs, kien fi ġlieda aċċidentali li fiha sofra offiżi ta' natura gravi Philip Chircop, u, wara li rat l-artikolu 237(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.